# IL-QNIEPEN FIL-FOLKLOR

J.F.Porsella-Flores

Ma rridx nonqos minn kelmti li tajt lill-qarrejja ta' L-IMNARA fl-aħħar kitba tiegħi tas-sena li għaddiet, li nissokta nikteb fil-ħarġa ta' din is-sena dwar qniepen oħra fil-folklor malti: il-qniepen tal-knejjes. Iżda dan hu suġġett wiesa' ħafna, għalhekk ser nikteb fil-qosor kemm jista' jkun, biex indaħħal kemm nista' tagħrif.

Ta' min jiftakar li, bħall-bniedem, il-qniepen jitkellmu b'ilsienhom għax jgħidulha ilsien ras il-martell li biha tindaqq il-qanpiena. B'ilsien il-qanpiena il-bniedem jibgħat il-messaġġ li jrid.

Ma' l-erbgħa ta' filgħodu sa ftit snin ilu kien jindaqq il-*Pater Noster*, ġeneralment disa' tokki, waħda waħda biex wieħed iqum, jiżżi ħajr 'il- Mulej ta' għodwa ġdida wara lejl ta' mistrieħ, u jaħseb imur għax-xogħol tal-ġurnata. L-istess sinjal jingħata fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofs inhar, u f'inżul ix-xemx. F'dawn it-tliet ħinijiet tingħad it-talba ta' l-*Angelus*, jew it-tħabbira ta' l-Anġlu lil Sidtna Marija. Dak ta' nżul ix-xemx, magħruf ukoll l-*Ave Maria*, ivarja skond iż-żmien tas-sena: fil-21 ta' Diċembru, l-1qsar jum tas-sena, fil-ħamsa nieqsa kwart; fil-21 ta' Ġunju, l-itwal jum, fit-tmienja ta' filgħaxija, daż-żmien fid-disgħa neqsin kwart, minħabba il-ħin tas-sajf. Fl-antik id-daqq ta' filgħaxija kien ifisser tmiem il-ħin tax-xogħol biex kulħadd jinġabar f'daru għax jingħalaq bieb il-belt. Siegħa wara jindaqqu l-aħħar tokki; isibuhom bl-isem ta' 'siegħa lejl' jew 'ta' l-erwieħ' li għalihom tmur l-aħħar talba biex anke huma jistrieħu fis-sliem.

Kemm jagħti pjaċir id-daqq ta' dawn il-qniepen meta wieħed jismagħhom qishom waħda twieġeb lil oħra; dan tismagħhom fejn hemm diversi knejjes fl-istess post, per eżempju il-Belt, ir-Rabat, jew fi bliet u rħula qrib xulxin, per eżempju, it-tlitt ibliet, it-tlitt irħula, u oħrajn bħalhom. Filgħodu ukoll, permezz ta' tokki ta' qniepen, jingħata sinjal tal-quddies kwarta qabel il-ħin; u n-nies tagħraf mill-ħoss tat-tokki tal-qanpiena f'liema knisja tkun il-quddiesa li ser toħroġ.

Matul il-ġurnata wkoll ġie li wieħed jisma' tokki ta' ferħ li jfissru twelid ta' tarbija u ħlas tajjeb; jew tokki tqal, tlieta bi tlieta, li jħabbru vjatku, u tara tfal jiġru lejn il-knisja biex iżommu fanal jixgħel, anke b'inhar, imma l-aktar bil-lejl biex idawlu t-triq; jew tokki oħrajn li jħabbru l-agunija, u oħrajn ukoll tat-trapassjoni. Il-ħsieb ta' dan id-daqq ikun biex in-nies fil-ħniena tagħha tieqaf ftit u titlob għall-bżonnijiet ta' dawk li għalihom jiġi amministrat dak is-servizz reliġjuż, jew għar-ruħ li tkun għadha kemm għaddiet għad-dinja l-oħra. Fil-każ ta' vjatku u mewt, anke b'liema qanpiena jindaqqu it-tokki, wieħed jagħraf għal min qed jindaqqu, jekk hux lajk, fratell, qassis jew patri, kanonku jew monsinjur, u anke isqof.

X'ħin filgħaxija wara ir-rużarju fil-knisja tingħata l-Barka, mill-knisja tindaqq mota qasira, u n-nies barra t-triq jew ġewwa jingħaqdu wkoll f'talba f'qalbhom jitolbu l-barka t'Alla u jiżżuH ħajr għal ġurnata ħidma mingħajr periklu. Jekk ikunu barra jaqilgħu anke l-berritta, jew il-kappell minn rashom. Nhar ta' Ġimgħa, fit-tlieta ta' wara nofs inhar jindaqq il-mortorju, b'tikira tal-mewt ta' Sidna Ġesu' Kristu. Iżda ma jindaqqx f'jum il-Ġimgħa il-Kbira għaliex il-qniepen jisktu mill-*Gloria* ta' Hamis-ix-Xirka sal-*Gloria* ta' Sibt il-Għid. Lanqas ma jindaqq il-mortorju f'jum il-Milied meta jaħbat nhar ta' Ġimgħa għax tkun stunatura li fil-jum ferrieħi li jitfakkar it-Twelid titfakkar il-mewt.

Nhar ta' Hadd imbagħad u fi ġranet oħra ta' festa wieħed jisma' id-daqq tal-moti, ġeneralment tlieta; anke dawn għandhom il-lingwaġġ tagħhom: ta' l-ewwel, it-tieni, u ta' l-aħħar, skond b'liema qanpiena jibdew jindaqqu.

Fil-quddiesa kantata tad-disgħa ta' filgħodu, waqt is-*Sanctus*, wieħed jifhem mid-daqq tal-qniepen li l-quddiesa waslet fil-punt kulminanti tagħha, l-elevazzjoni, u anke jekk wieħed ma jkunx il-knisja, imma jkun jinsab fit-triq, jista' jagħti ġieħ lill-Ewkaristija b'talba żgħira.

Dak li għidt qabel għall-pjaċir li wieħed iħoss meta jisma' l-qniepen qishom iwieġbu waħda lil oħra, iħossu iktar x'ħin jisma' id-daqq tal-qniepen f'ħin is-*Sanctus* u l-Elevazzjoni.

Sa ftit tas-snin ilu kien hemm ukoll id-drawwa li f'kull tielet Hadd tax-xahar, Terza, wara l-Elevazzjoni tindaqq mota ta' ftit ħin bħala sinjal li wara l-quddiesa ikun hemm purċissjoni fil-knisja jew fuq iz-zuntier bis-Sagrament bil-parteċipazzjoni tal-Fratelli.

Minbarra dan id-daqq mill-knejjes prinċipali, kien hemm ukoll daqq minn xi knejjes partikolari, per eżempju mill-kolleġġjati li kienu jagħtu ukoll is-sinjal lill-Kanonċi, kwarta qabel għall-kor, fis-7 ta' filgħodu, biex jirreċtaw jew ikantaw flimkien mill-brevjar il-matutin u is-sigħat, u wara nofs, fit-tlieta u nofs fi-xitwa u fil-ħamsa fis-sajf, għall-għasar u kompieta. Fir-Randan anke l-għasar kien jingħad filgħodu, fil-ħdax.

Mill-knejjes tal-klawsura wieħed kien jisma' wkoll fil-ħemda tal-lejl, fil-ħdax, it-tokki biex is-sorijiet imorru fil-kor jitolbu. Anke mid-dar wieħed seta' jingħaqad mas-sorijiet spiritwalment u jgħid ukoll xi talba. Niftakar meta, l-iktar fis-sajf għax wieħed ikun bit-twieqi miftuħin, mill-Birgu kienet tinstema' il-qanpiena tal-Monasteru ta' Santa Margerita, Bormla. Insomma, l-ħajja fl-aspetti tagħha kollha hi folklor kollha kemm hi.

Imma dan id-daqq li iddeskrivejt s'issa, kien isir kollu minn isfel tal-kampnar, permezz ta' ħbula tul il-kampnar. Fil-festi pero' id-daqq tal-moti isir minn fuq il-kampnar, u hawn wieħed tassew jitgħaxxaq jisma' is-sħubija ta' leħen il-qniepen għaliex idoqqu *a distesa*, bl-ilsien jitbandal matul il-wisgħa tal-qanpiena b'sengħa kbira ta' min idoqqha li, kemmkemm jiġbed ħabel imqabbad ma' lsien il-qanpiena, u b'dik il-ġibda lejh iwassal l-ilsien min-naħa għal oħra. Din is-sengħa trid ftit taż-żmien biex titgħallimha.

Hemm xi knejjes, bħal Katidral l-Imdina, u San Ġwann il-Belt, fejn il-qniepen jindaqqu dejjem minn fuq, u l-inkarigat mid-daqq tagħhom għandu it-titlu ta' 'Kanpanar'.

Jien mkkunsidra impressjonanli hafna id-daqq tal-qanpiena 1-kbira ta' San Ġwann li bit-tokki taghha, waqt xi purċissjoni ewlenija bhal dik ta' *Corpus,* jew la' San Pawl, tal-Karmnu, u ta' San Duminku, tirregola ir-ritmu tal-pass Li bibjimxu il-fratelli u l-kleru li jiehdu sehem fil-purċissjoni, bhalma it-tambur jirregola it-pass tas-suldati waqt parata.

Lili iferrahni ukoll, meta ir-rih iġib lejja, fil-hin bikri ta' filghodu, id-daqq tal-qniepen minu knejjes ftit imbcghda ghaliex ifakkarni fir-rakkont tal-Manzoni meta jiddeskrivi, fil-kap 21 tar-rumanz /*Promessi Sposi,* kif 1-istess *Innominato,* bniedem kriminali u debuxxat, x'hin sema' ma'sbieh il-jum mill-kamiatas-sodda tal-kastell tieghu id-daqq ferriehi ta' qanpiena, li il-qaddej tieghu qallu li kien daqq ta' festa ghax kien wasal hemm il-KardinalFederico Borromeo, spiċċa biex biddel ħajtu u dlonk mar hu ukoll mar-rahhala li, mit-tieqa tal-kastell tieghu, lemah sejrin ihaffu 1-pass ghal dak 1-appell tal-qniepen biex jagħtu merbha lill-Kardinal. Sa hawn jasal is-seher tal-messaġġ tal-qniepen ghal min irid jifhmu.

Intemm bi stqarrija ta' wiehed li kif spiċċat il-gweira reġa' marfdaru mir-rahal fejn kien rifuġjat. "Kemm fraħt," qal, "meta smajt il-qniepen ta' San Lawrenz idoqqu *Ì-Pater Noster* fl-ewwel festa liġiet wara li nżilt lura il-Birgu."

Ktibt fuqfuqdwar il-qniepen fil-folklor. Nibża' li 1-aktar li jistghu jsegwu dan li ktibt huma î-anzjani ghaliex daż-żmien ċerti drawwiet hawn Malta inqatgħu; per eżempju \\-*Pater Noster,* fejn għadu jindaqq, jindaqq fis-sitta minflok fl-erbgha ta' filghodu. Daqq iehor, bhal vjatku, agunija, u mewt, naqas hafna jekk ma spiċċax ghal kollox. Ma baqax dik il-kontinwita' minn ġenerazzjoni ghal ohra. Bil-mod kif sijrin hawn Malta, anke fdan il-qasam tai-folklor, qed nersqu biex il-ftit li ghad ghandna jispiċċa fix-xejn, kapriċċ ta' min irid jilghaba tal-modern, ghax tilef it-tifsira tnl-lingwaġġ tal-qniepen, u is-siwi taghhom ghas-servizz tas-soċjetà.

Iżda b'xorti tajba fil-gżira tat-Tliet Gholjiet, hutna l-Ghawdxin għadhom marbuta mad-drawwiet tal-qedem li, ghaldaqstanl, ghadhom ma nqatghux, bhalma ġara hawn Malta. JAIlajkomplujissoktaw bihom biex dawn ma jintilfux.